MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1246/2003

**A B**
**Vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress li l-kontendenti izzewgu fit-8 ta' April tas-sena 1990 (certifikat anness Dok. A);

Peress illi l-partijiet isseparaw legalment minn ma' xulxin fit-8 ta' Mejju 2003 (kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni anness Dok. B);

Peress illi l-attur ma kellux id-diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha skond kif rikjest fil-ligi;

Peress illi l-attur eskluda il-fedelta’ fiz-zwieg u fil-fatt kellu relazzjonijiet ma’ nisa ohra kemm fl-gherusija u kif ukoll wara z-zwieg;

Peress illi d-decizjoni li jsir iz-zwieg saret b’ mod mghaggel u bl-iskop li l-konvenuta setghet tabita u tahdem Malta;

Peress illi minhabba f’ hekk il-kunsens ta’ l-attur huwa vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha a tenur ta’ l-artikolu 19 subartikolu 1(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Peress illi minhabba f’ hekk ukoll il-kunsens ta’ l-attur huwa vizzjat a tenur ta’ l-artikolu 19 subartikolu 1(f);

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premess m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fit-8 ta’ April 1990 huwa null u bla effett a tenur ta’ l-artikolu 19 subartikoli 1(d), u 1(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi l-konvenuta tirrimetti ruhha ghal-gudizzju ta’ dina l-Onorabbli Qorti fejn jirrigwarda jekk il-fatti li eventwalment jirrizultaw mill-gbir tal-provi ghandhomx kumulattivament jwasslu ghall-annullament taz-zwieg taghha.

2. Illi l-konvenuta taf bl-infedelta ta’ zewgha u tali infedelta waslet ghat-tifrik taz-zwieg.

3. Illi mhumiex ghal kollox korrett illi jinghid illi z-zwieg tal-kontendenti gie kkuntrattat bl-ghaggla. Fil-fatt il-kontendenti ccelebraw iz-zwieg taghhom b’ rit Kattoliku

madwar sentejn wara li gie kkontrattat dan iz-zwieg u kien biss wara c-cerimonja Kattolika li bdew jikkoabitaw.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-8 ta' April 1990 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tieghu kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta fl-eccezzjonijet taghha, filwaqt li ssostni li z-zwieg tkisser minhabba l-infedelta' da parti ta' l-attur, u filwaqt li tichad li l-attur zzewweg bl-ghaggla, tirrimetti ruhha ghal gudizzju ta' din il-Qorti.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur izzewweg lill-konvenuta, persuna ta' nazzjonalita' Ingliza, fit-8 ta' April 1990 meta allura huma kellhom 23 sena. Peress li l-konvenuta kienet tghix l-Ingilterra, matul il-perijodu ta' sentejn gherusija, il-partijiet kienu jiltaqghu meta l-attur kien jitlq' l-Ingilterra u l-konvenuta kienet tigi Malta, kienu wkoll jikkorrispondu ma' xulxin. Jirrizulta li fis-sena 1990 meta l-konvenuta, li ghandha s-sena ta' Beauty Therapist, kienet qeda Malta, il-permess tas-soggjorn taghha kien ser jiskadi u ghalhekk iddecidew li jressqu d-data taz-zwieg taghhom sabiex l-konvenuta tkun tista tibqa' tahdem f' Malta. Rizultat ta' dan, il-partijiet izzewwgu bir-rit civili fit-8 ta' April 1990 u wara sentejn izzewwgu bir-rit religjuz.

Illi l-partijiet jghidu li, wara li sar iz-zwieg civili, huma ma kkoabitawx flimkien, minhabba pressjoni minn naha tal-familja ta' l-attur, izda kienu ikunu dejjem flimkien. Wara ftit jiem xtraw id-dar matrimonjali li kienu ilhom jahsbu

ghaliha minn qabel iz-zwieg civili, u sentejn wara ccelebraw zwieg bir-rit religjuz.

Erba snin wara z-zwieg civili l-koppja kellhom l-ewwel tifla, u hames snin wara l-konvenuta sofriet miscarriage. Sussegwentement f' Dicembru tas-sena 2001 kellhom it-tieni tarbija.

Il-partijiet kkonvivew ghal zmien relevanti u fit-8 ta' Mejju 2003 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-ewwel kawzali ta' l-attur hija bazata fuq l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu precitat. In sostanza l-attur qed isostni li huwa ma kellux maturita' affettiva biex jidhol ghal dan iz-zwieg, u li d-decizjoni li jizzewweg bir-rit civili kienet wahda affrettata u ttiehdet bl-iskop li l-konvenuta setghet tibqa' tghix u tahdem f' Malta. Huwa jsostni li ghalhekk il-kunsens matrimonjali tieghu kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

In propositu gie osservat fil-kawza *"App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, <u>fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens</u>, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "<u>gravi</u>", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva <u>dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg</u>; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement <u>nuqqas ta' hsieb</u>, jew <u>nuqqas ta' riflessjoni</u>; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel <u>ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati</u> [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]* "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta'

gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." *[Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Din il-kapacita' li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita' jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003]*

*[vide ukoll App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006,deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati]*

L-immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l' uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento[1] ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena *[Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006]supra].*

Inoltre, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita' affettiva li jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" *[Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza App.C. Raymond Theuma vs Carmen Theuma deciza 27 ta' Jannar 2006].* Inoltre, gie osservat li "ogni volta che I contraenti abbiano raggiunto l'eta preskritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di gudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario.

Fil-meritu l-Qorti tosserva li ezami tal-provi migjuba juru bic-car li l-attur kien, fi kliemu stess, "infatwat"[2] lejn il-konvenuta u li huwa kien ihobba, tante li kien ghamel l-isforzi kollha sabiex din tkun tista' tibqa' Malta u eventwalment jizzewwgu, kif fil-fatt ghamlu. Il-Qorti hija tal-fehma li l-provi juru li fiz-zmien li gie kkuntrattat iz-zwieg civili l-attur kellu kemm maturita' affettiva fil-konfront

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti
[2] Affidavit attur – fol.33

tal-konvenuta, kif ukoll dixxerniment sufficjenti ta' l-import tal-hajja matrimonjali bl-obbligi u drittijiet li din necessarjament iggib maghha.

Jinghad ukoll li, l-Qorti, wara ezami ta' l-atti, hija tal-fehma li l-verjoni moghtija mill-konvenuta hija aktar konfacenti mar-realta' tac-cirkostanzi provati. Din il-konkluzjoni ssib konfort fil-fatt li l-partijiet ikkonvivew ghal zmien twil li matulu kellhom zewgt itfal, b' miscarriage fil-frattemp. It-tifla l-kbira twieldet erba snin wara z-zwieg, filwaqt li z-zghira twieldet ghaxar snin wara. Inoltre, il-fatt li l-koppja matul iz-zwieg esperjenzjat mumenti turbulenti ma jimminax kontra l-validita' taz-zwieg, multo magis meta dawn il-mumenti sehhew hafna zmien wara z-zwieg.

Illi rigward it-tesi attrici li l-partijiet izzewwgu fid-data li z-zewwgu minhabba l-permess ta' soggjorn tal-konvenuta u ghal dan l-iskop, il-Qorti tosserva li dan il-fatt ut sic ma jimmilitax kontra l-validita' taz-zwieg. Mill-provi jirrizulta lampanti li minn qabel ma zzewwgu l-partijiet kienu mixjin f' dik id-direzzjoni, tant li kienu wkoll hasbu li jixtru d-dar matrimojali li fil-fatt akkwistaw "a few days after we got married civilly for which we had been saving for, prior to moving to Malta."[3] Dan juri li l-partijiet kienu ppjanaw li jinghaqdu fiz-zwieg, <u>qabel</u> ma zzewwgu civilment, u d-decizjoni li jgibu l-quddiem id-data taz-zwieg minhabba c-crikostanzi tal-konvenuta, ma twassalx validament ghall-konkluzjoni li meta l-partijiet izzewwgu huma kienu qed jghatu kunsens matrimojnali vizzjat. Il-fatti huma li l-partijiet kienu jhobbu lil xulxin, accettaw li jizzewwgu u <u>riedu jizzewwgu</u>. Tant kienu intenzjonati li jghixu ta' mizzewwgin li sentejn wara huma kkonfermaw il-kunsens matrimonjali taghhom billi zzewwgu bir-rit religjuz.

Illi rigward il-fatt li l-partijiet ma kkonvivewx wara z-zwieg civili minhabba pressjoni qawwija mill-familja ta' l-attur, ma jimmilitax kontra l-premess; ghax mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu jqattghu hafna hin flimkien, u inoltre ma rrizutlax li dawna ma kienux jaghmlu l-att taz-zwieg. Di fatti mill-provi jirrizulta ex admissis mill-attur li qabel ma l-

[3] Affidavit konvenuta – fol.40

konvenuta giet Malta u qabel iz-zwieg civili, hija kienet harget tqila b' tarbija tieghu. Fi kliemu "This was my child I'm talking about"[4] Fil-kuntest ta' dawn il-fatti, u fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, il-Qorti ma tirravvisa ebda nullita' fit-termini ta' l-Artikolu 19A tal-Kap. precitat, u l-fatt li fil-perijodu ta' bejn iz-zwieg civili u dak religjuz il-partijiet ma kienux jikkonvivu apertament flimkien minhabba cirkostanzi impellanti u estranei ghar-relazzjoni ta' bejniethom, ma jfissierx li huma ma kellhom l-intenzjoni li jghixu l-hajja matrimonjali flimkien. Di fatti xtraw id-dar konjugali ftit granet wara, u sussegwentement ikkonfermaw bir-rit religjuz il-kunsens matrimonjali li kien inghataw u sussegwentement kellhom zewgt it-tfal. In-non konvivenza fil-miftuh wara z-zwieg civili kienet cirkostanza temporanea u estranea ghar-relazzjoni ta' bejniethom bhala koppja mizzewwga.

Illi rigward it-tieni kawzali bazata fuq dak kontemplat fil-paragrafu [f] il-Qorti tosserva li l-ezistenza ta' din il-caput nullitatis hija eskluza b' mod lampanti mill-provi. Ghajr ghal dak allegat mill-attur, li din il-Qorti tikkonsidera inaffidabbli, ma jirrizultax li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali fit-8 ta' April 1990, dana eskluda b' att posittiv tal-volonta' tieghu l-obbligazzjoni tal-fedelta' fir-rigward ta' martu. Il-fatt li huwa okkazzjonalment kien johrog mal-hbieb, u in difett ta' provi ohra, ma ssostnix b' mod sodisfacenti din l-allegazzjoni tieghu. Anzi l-provi juru li l-attur kien ihobb lill-konvenuta u zzewwigha bil-hsieb li jghix il-hajja matrimonjali maghha bl-obbligi kollha li din timporta. Il-fatt li sussegwentement wara zmien ta' zwieg zviluppaw problemi bejn il-koppja li wasslithom ghas-separazzjoni de facto u eventwalment de jure, dawn il-problemi ma jwasslux ghall-integrazzjoni tal-caput nullitatis in disamina.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talb attrici mhjiex gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda.

**Decide**

[4] Dep. Fol.79

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------